**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta’ dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 904/2008

**tas-17 ta' Settembru 2008**

**li jistabbilixxi l-metodi ta’ l-analiżi u d-dispożizzjonijiet tekniċi l-oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ arranġamenti ta’ esportazzjoni ta’ merkanzija mhux koperti bl-Anness I għat-Trattat**

**(Verżjoni kodifikata)**

(ĠU L 249, 18.9.2008, p. 9)

Emendat minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 117/2010 tad-9 ta’ Frar 2010 | L 37 | 19 | 10.2.2010 |

▼B

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 904/2008

## tas-17 ta' Settembru 2008

## li jistabbilixxi l-metodi ta’ l-analiżi u d-dispożizzjonijiet tekniċi l-oħra meħtieġa għall-implimentazzjoni ta’ arranġamenti ta’ esportazzjoni ta’ merkanzija mhux koperti bl-Anness I għat-Trattat

**(Verżjoni kodifikata)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta’ Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni Doganali tad-Dwana ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9 tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4056/87 tat-22 ta’ Diċembru 1987 li jistabbilixxi l-metodi ta’ l-analiżi u d-dispożizzjonijiet l-oħra tekniċi meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3035/80 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali biex jingħataw rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta’ ċerti prodotti agrikoli li jkunu ġew esportati fil-għamla ta' merkanzija mhux koperta bl-Anness II għat-Trattat u l-kriterji biex jiġi ffissat l-ammont ta’ rifużjonijiet bħal dawn ([2]) ġie emendat b’mod sostanzjali ([3]). Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmi Regolament għandu jiġi kkodifikat.

(2) Biex jiġi assigurat trattament uniformi għall-esportazzjoni mill-Komunità ta’ merkanzija koperta bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 ta’ Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti kummerċjali applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli ([4]) huwa importanti li jiġu definiti l-metodi analitiċi u dispożizzjonijiet oħra ta’ natura teknika.

(3) Il-miżuri stabbiliti f’dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tat-taqsima dwar in-nomenklatura tat-tariffi u statistika tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-metodi ta’ l-analiżi Komunitarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 3448/93, f’dak li għandu x’jaqsam ma’ l-esportazzjonijiet ta’ merkanzija mhux inklużi fl-Anness I tat-Trattat jew fin-nuqqas ta’ metodu ta’ analiżi, in-natura ta’ l-operazzjonijiet analitiċi li għandhom jitwettqu jew il-prinċipju ta’ metodu li għandu jiġi applikat.

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
([2]) ĠU L 379, 31.12.1987 p. 29.
([3]) Ara l-Anness I.
([4]) ĠU L 318, 20.12.1993, p. 18.

▼B

*Artikolu 2*

B'konformità man-noti għall-Anness IV tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1043/2005 ([1]) u għall-finijiet ta' l-implimentazzjoni ta' dak l-Anness, "ir-Riżultati ta' l-Analiżi tal-merkanzija" stabbiliti f'kolonna 3 għandhom jinkisbu billi jintużaw il-metodi, il-proċeduri u l-formuli msemmijin f'dan l-Artikolu:

(1) *Zokkor*

Il-prestazzjonijiet għolja tal-kromatografija taz-zokkor fil-likwidi (HPLC) għandha tintuża biex jiġu determinati l-varjetajiet ta' zokkor.

A. Il-kontenut f'sukrożju msemmi fil-kolonna 3 ta' l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 għandu jkun ugwali għal:

(a) $S + (2F) \times 0,95$,

jekk il-kontenut f'glukożju ma jkunx anqas mill-kontenut fi fruttożju

jew

(b) $S + (G + F) \times 0,95$,

jekk il-kontenut f'glukożju jkun anqas mill-kontenut fi fruttożju

fejn

$S$ = hu l-kontenut f'sukrożju stabbilit mill-HPLC

$F$ = hu l-kontenut fi fruttożju stabbilit mill-HPLC

$G$ = hu l-kontenut f'glukożju stabbilit mill-HPLC

Meta l-preżenza ta' l-idolisat tal-lattożju jiġi ddikjarat u /jew il-kwantitajiet tal-lattożju u galattożju jkunu nstabu, il-kontenut f'glukożju, ekwivalenti għall-kontenut f'galattożju (stabbilit mill-HPLC), għandu jitnaqqas mill-kontenut f'glukozju (G) qabel isir xi kalkolu ieħor.

B. Il-kontenut f'glukożju msemmi fil-kolonna 3 ta' l-Anness IV għar-Regolament (KE) Nru 1043/2005 għandu jkun ugwali għal:

(a) $G - F$,

fejn il-kontenut f'glukożju huwa aktar mill-kontenut fi fruttożju;

(b) 0 (Żero),

meta l-kontenut f'glukożju jkun ugwali jew anqas mill-kontenut fi fruttożju.

Meta l-preżenza tal-lattożju idrolisat tiġi ddikjarata u/jew il-kwantitajiet tal-lattożju u l-galattożju jkunu nstabu, il-kontenut f'glukożju, ekwivalenti għall-kontenut f'galattożju (stabbilit mill-HPLC) għandu jkun imnaqqas mill-kontenut (G) f'glukożju qabel isir kwalunkwe kalkolu ieħor.

▼M1

(2) *Lamtu (jew destrin)*

(id-destrin għandu jiġi espress bħala lamtu)

1. Għall-kodiċi kollha NM għajr il-kodiċi NM 3505 10 10, 3505 10 90, 3505 20 10 sa 3505 20 90 u 3809 10 10 sa 3809 10 90, il-kontenut tal-lamtu (jew tad-destrin) imsemmi fil-kolonna 3 tal-Anness IV għar-Regolament ( KE) Nru 1043/2005 għandu jkun ikkalkulat bil-formula:

([1]) ĠU L 172, 5.7.2005, p. 24.

▼M1

(Z – G) × 0,9,

fejn

*Z* = hija l-kontenut tal-glukożju stabbilit bil-metodu deskritt fl-Anness I għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 900/2008 ([1]);

*G* = huwa l-kontenut tal-glukożju qabel it-trattament enżimatiku, stabbilit b'kromatografija likwida ta' rendiment għoli (HPLC).

2. Għall-kodiċi NM 3505 10 10, 3505 10 90, 3505 20 10 sa 3505 20 90 u 3809 10 10 sa 3809 10 90, il-kontenut tal-lamtu (jew tad-destrin) għandu jiġi stabbilit mill-metodu stipulat fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 900/2008.

▼B

(3) *Il-Kontenut fi grass tal-ħalib*

Għall-iskopijiet sabiex jiġi stabbilit il-kontenut fi grass tal-ħalib, għandu jiġi użat metodu bbażat fuq l-estrazzjoni bil-*petroleum* fin, ippreċedut bl-idrolosi bl-aċidu idrokloriku u segwit bil-kromotagrofija tal-gass ta' l-esteri tal-metil ta' l-aċidi tal-grass. Jekk tiġi mikxufa l-preżenza tal-grassijiet tal-ħalib, il-proporzjon perċentwali ta' dan għandu jiġi kkalkolat billi tiġi mmultiplikata l-koncentrazzjoni tal-perċentwali tal-metil butirat b'25, billi jiġi mmultiplikat il-prodott bil-perċentwali totali tal-kontenut fi grass skond l-użin ta' l-oġġetti u billi jiġi diviż b'100.

*Artikolu 3*

Biex jiġi implimentat l-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 1043/2005, il-perċentwali tal-kontenut f'manitol u D-glucitol (sorbitol) għandu jiġi stabbilit bil-metodu HPCL.

*Artikolu 4*

1. Għandu jsir rapport dwar it-testijiet.

2. Ir-rapport dwar it-testijiet għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja:

— l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiġi identifikat il-kampjun,

— il-metodu Komunitarju użat u r-referenza preċiża għall-istrument legali li fih jinstab, jew fejn xieraq, referenza dettaljata għall-metodu, waqt li tiġi speċifikta n-natura ta' l-operazzjonijiet analitiċi li għandhom isiru jew il-prinċipju tal-metodu li għandu jiġi applikat, kif indikat f'dan ir-Regolament,

— kwalunkwe fatturi li setgħu influwenzaw dawn ir-riżultati,

— ir-riżultati ta' l-analiżi, filwaqt li jitqies il-mod li bih jitfissru fil-metodu użat u l-mezz ta' espressjoni dettat mill-ħtiġiet tad-dwana jew tad-dipartimenti amministrattivi li jkunu talbu l-analiżi.

*Artikolu 5*

Ir-Regolament (KEE) Nru 4056/87 hu mħassar.

Referenzi għar-Regolament li ġie mħassar għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

---

([1]) ĠU L 248, 17.9.2008, p. 8.

▼B

*Artikolu 6*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

*ANNESS I*

**Regolament imħassar flimkien ma’ lista ta' l-emendi tiegħu**

| | |
|---|---|
| Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4056/87 | (ĠU L 379, 31.12.1987, p. 29) |
| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/98 | (ĠU L 21, 28.1.1998, p. 5) |

▼B

*ANNESS II*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Ir-Regolament (KEE) Nru 4056/87 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikoli 1 sa 4 | Artikoli 1 sa 4 |
| — | Artikolu 5 |
| Artikolu 5 | Artikolu 6 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |